

Iż-żewġ Group Scout Leaders Lorrie Saliba (lemin) u Vince Vella (xellug) waqt iċ-ċerimonja tal-kxif tal-plakka kommemorattiva li tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tal-Moviment tal-iScouts f'Malta.

# Tmiem xieraq għaċ-Ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju tal-i*Scouting* f'Malta

L-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts* ta' Malta dan l-aħħar iċċelebrat il-mitt sena mit-twaqqif tal-moviment tal-iscouts f'Malta permezz ta' programm ta' attivitajiet li fihom kienu involuti l-gruppi kollha tal-i*Scouts* tal-Gżejjer Maltin.

Il-*Victoria Scout Group* ma naqasx li jfakkar iċ-ċentinarju tat-twaqqif tal-i*Scouts* f'Malta. Il-qofol tal-attivitajiet li organizza l-*Victoria Scout Group* biex ifakkar dan iċ-ċentinarju kienet il-parata madwar ir-Rabat li fiha ħadu sehem bosta gruppi tal-iScouts *Groups* minn Malta u li ġibdet numru sabiħ ta' Għawdxin. Kien avveniment storiku għall-*Victoria Scout Group* u għal Għawdex.

F'Għawdex iċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji ġew fi tmiemhom b'sensiela ta' attivitajiet madwar Għawdex, favur il-komunità Għawdxija u l-ambjent, organizzati mill-*Victoria Scout Group*. Ix-*Xagħra Scout Group* issieħbu mal-*Victoria Scout Group* f'dan il-programm kommemorattiv ta' attivitajiet.



Waqt l-attività tat-tindif fl-inħawi tal-parkeġġ tar-Rabat.

Tħawwlet siġra minn Lorrie Saliba, *Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group* u Vince Vella, *Group Scout Leader tax-Xagħra Scout Group* f'biċċa art ħdejn il-funtana li tinsab quddiem il-Ċentru għall-Istudji Avvanzati Sir Michelangelo Refalo fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat. Dan il-ġest jissimbolizza l-vitalità tal-Moviment tal-i*Scouts* fil-Gżejjer Maltin u t-tama fil-futur. Imbagħad, iż-żewġ *Group Scout Leaders* kixfu plakka kommemorattiva li tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tal-Moviment tal-iScouts f'Malta.

Wara li spiċċat din iċ-ċerimonja, l-*Cubs*, l-i*Scouts* u l-*Venture Scouts* tal-*Victoria Scout Group* u membri tax-*Xagħra Scout Group* inqasmu fi gruppi li kienu mmexxija mil-lidders taż-żewġ gruppi. L-attivitajiet li saru kien tindif fil-Polverista fiċ-Ċittadella, fil-Wied ta' Żejta, fl-inħawi tal-*parking* ewlieni tar-Rabat u fil-*Calypso Cave*, b'dan tal-aħħar isir mix-*Xagħra Scout Group*. Sar ukoll xogħol ta' tiżbigħ fir-*Respite Centre* tal-Fundazzjoni Arka, Għajnsielem. Sar ukoll tħawwil ta' diversi siġar tal-ħarrub f'Għajnsielem.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Iż-żewġ Group Scout Leaders waqt li ħawlu s-siġra ta' l-okkażjoni.



Sant'Anton Abbati fuq il-parilja joqrob lejn il-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina.



Waqt iċ-ċerimonja tat-tberik taż-żwiemel. Jidhru L-arċipriet Carmelo Refalo jagħti ħobża u xgħir imbierek lil Jimmy Muscat. Jidhru wkoll Bernardette u Annette Muscat u t-tifel Dylan Azzopardi.

# Festa ta' Sant'Anton Abbati

Fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Anton Abbati, meqjum fil-knisja ddedikata lilu fix-Xagħra, fi Pjazza Sant'Anton Abbati, saret iċ-ċerimonja tat-tberik taż-żwiemel minn Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xagħra. Wara telqet sfilata taż-żwiemel minn Triq San Ġużepp għal Triq il-Knisja u Pjazza l-Vitorja li akkumpanjat l-istatwa ta' Sant'Anton fuq il-parilja, biż-żwiemel Reno ta' disa' snin u Silver ta' ħdax-il sena, mmexxija minn Victor Muscat u ibnu Gabriel, sal-Bażilika ta' Marija Bambina. Ħadu sehem l-i*Scouts* tax-Xagħra.

Aktar tard fi Pjazza Sant'Anton Abbati, saret wirja tal-klieb, organizzata mill-Kunsill Lokali. Wieħed seta' jammira wkoll it-tlielaq tat-tfal.

Filgħaxija fil-Bażilika ta' Marija Bambina, Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kor *Voci Angeliche*. Wara saret purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Anton Abbati mmexxija minn Mons. Isqof Mario Grech. Akkumpanjat il-purċissjoni l-Banda Victory. Mal-wasla fi Pjazza Sant'Anton, sar it-tberik tal-annimali. Il-purċissjoni spiċċat fil-knisja ta' Sant'Anton fejn ingħatat l-Benedizzjoni Sagramentali.


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***